MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 2959/1996/1

**Lawrence Borg ghan-nom tas-socjeta` estera**
**“Cerviola Holidays Ltd”**

**v.**

**Gvernatur tal-Bank Centrali ta’ Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

“peress lli s-soċjeta’ attriċi ġġib minn barra minn Malta turisti u għal dan l-iskop tikri ajruplani charter mill-Airmalta Company Limited;

“peress illi s-soċjeta’ attriċi hija għalhekk tour operator, u stabbilita għal żmien konsiderevoli, u għalhekk lokalment rikonoxxuta;

“peress illi teżisti sistema taħt il-kontroll tal-konvenut nomine, li permezz tagħha, jkun hemm vantaġġ fir-rata tal-kambju għal tali tour operators, magħrufa bħala Forward Buying Rate;

“peress illi l-kumpannija attriċi applikat għal tali benefiċċju iżda ġiet mgħarrfa li dan ma kienx se jkun konċess lilha u dan għaliex tali benefiċċju huwa “diskrezzjonali”;

“peress illi dan l-għemil tal-konvenut nomine jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita’ pubblika billi dan sar għall-għanijiet mhux xierqa u/jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

“peress illi bl-aġir tiegħu l-konvenut nomine ikkawża u sejjer jikkawża danni lis-soċjeta’ attriċi;

Għalhekk l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

“1. Tiddikjara li r-rifjut tal-konvenut nomine li japplika l-beneffiċċju tal-Forward Buying Rate fil-kambju tal-isterlina lis-soċjeta’ attriċi li hija tour operator, huwa null u bla effett stante li tali rifjut jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita’ pubblika billi dan sar għall-għanijiet mhux xierqa u/jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

“2. Tikkundanna lill-konvenut nomine li immedjatament jagħti l-benefiċċju rikjest u konċess lil tour operators oħrajn fl-istess kondizzjonijiet;

“3. Tikkundanna lill-konvenut nomine iħallas id-danni sofferti mill-kumpannija attriċi, naxxenti minn tali rifjut;

“Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine minn issa nġunt għas-subizzjoni;”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Bank konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
“it-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li r-rifjut tal-eċċipjent li minnu qiegħed jillamenta l-attur sar għal raġunijiet serji u fl-ambitu tal-poteri konċessi lill-eċċipjent mil-liġi;

“għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċhuda bl-ispejjeż;

“Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Marzu 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tal-kumpanija attrici, bl-ispejjez kntra taghha, billi ma ntweriex li l-Bank konvenut mexa maghha b’mod abbuziv jew bi ksur tal-ligi u, ghalhekk, l-istess talbiet m’humiex misthoqqa;

Illi dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi tixli lill-imħarrek li ċaħad applikazzjoni tagħha biex tieħu benefiċċju mis-sistema tal-“*foreward buying rate*” (aktar ‘il quddiem imsejħa “f.b.r.”) dwar dawk il-persuni barranin li hija tibgħat għal btala f’Malta bħala turisti. Qegħda titlob, għalhekk, li titħalla tibbenefika mill-imsemmi skema u kif ukoll li tingħata ħlas ta’ danni li ġarrbet minħabba dan ir-rifjut;

“Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa’ billi qal li kellu raġunijiet serji u tajbin biex bihom jiċħad it-talba tal-kumpannija attriċi u li aġixxa hekk bis-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi. Huwa jgħid li dawn ir-raġunijiet serji huma l-mertu ta’ kawża mibdija mill-Bank u mill-Ministru tal-Finanzi kontra l-imħarrek personalment u l-kumpannija attriċi[1];

“Illi, fil-qosor, mill-<u>fatti ewlenin li jirriżultaw mill-atti</u> nsibu li l-kumpannija attriċi hija reġistrata fir-Renju Unit. Hija

[1] Ċitazz. Nru. 463/90 li s-sentenza tagħha qegħda tingħata llum minn din il-Qorti

kumpannija li l-għan ewlieni tagħha huwa li taħdem fil-qasam turistiku bħala aġenzija tal-ivvjaġġar[2]. Id-diretturi tagħha huma l-attur *proprio*, u Harry u Diana Cook[3]. L-attur *proprio* jgħid li ma kienx żamm ishma iżjed fiha wara l-1986, imma baqa' jagħmilha ta' *handling agent* tagħha f'Malta[4]. Fl-1986 il-Gvern Malti kien nieda skema magħrufa bħala "*Special Guaranteed Pound Sterling Rate Scheme*" li biha l-aġenziji tal-ivvjaġġar li jġibu turisti mir-Renju Unit ikollhom rata ta' kambju garantita mqabbla mal-Lira Maltija. Matul il-medda ta' snin u sakemm baqgħet titħaddem, tnedew skemi diversi bħal din, mhux kollha l-istess u mhux applikabbli għal kulħadd bl-istess mod;

"Illi fix-xitwa tal-1986, ġiet miċħuda talba tal-kumpannija barranija attriċi biex tibbenefika mill-f.b.r. Meta skema oħra tħaddmet mill-Uffiċċju Nazzjonali tat-Turiżmu ta' Malta (N.T.O.M.) fis-sajf tal-1996, applikazzjoni li ressqet il-kumpannija attriċi biex tissieħeb f'dik l-iskema ntlaqgħet. Għas-snin l-oħrajn kollha bejn l-1988 sal-lum, kull applikazzjoni mressqa mill-kumpannija attriċi għall-benefiċċju tal-iskema ġiet miċħuda mill-Bank imħarrek[5];

"Illi, għar-rigward tal-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru l-każ, m'għandux ikun hemm dubju li, għalkemm l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-każ huwa minnu nnifsu wieħed kompless. Dan seħħ mhux biss minħabba n-nisġa ta' ġrajjiet li jduru mad-deċiżjoni meħuda mill-Bank imħarrek, iżda wkoll mill-mod kif żvolġa s-smigħ tal-kawża, u b'mod partikolari mix-xejra li ngħata bid-degriet tal-15 ta' Lulju, 1997. Ir-rabta taż-żewġ kawżi ma' xulxin u l-ħtieġa li din il-Qorti tqis fil-mertu jekk id-deċiżjoni meħuda mill-Bank imħarrek kinitx fondata u tajba xekklu mhux ftit il-mixi 'l quddiem ta' din il-proċedura, mixja li ikkumplikat ruħha mhux l-anqas minħabba li l-kawża għaddiet minn idejn erba' ġudikanti sa ma waslet biex illum qegħda tingħata s-sentenza;

[2] Dokti "V4" sa "V14", f'paġġ. 114 sa 124 tal-proċess
[3] Xhieda tal-attur 15.7.1997 f'paġ. 35 tal-proċess
[4] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami 1.9.1997, f'paġ. 51 tal-proċess
[5] Xhieda ta' David Pulliċino 1.9.1997, f'paġġ. 58-9 tal-proċess

"Illi dan kollu qiegħed jiġi puntwalizżat għall-aħjar indirizz tal-kwestjonijiet li sejrin jitqiesu, u li jridu jinqraw ma' dak li din il-Qorti iddisponiet dwaru fis-sentenza mogħtija fil-kawża konnessa;

"Illi llum huwa aċċettat li l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tagħti rimedju lill-individwu dwar l-imġiba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tiegħu. Is-setgħa li tingħata mill-imsemmi artikolu lil Qorti fil-kompetenza tagħha ċivili dwar għemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistħarreġ is-siwi ta' dak l-għamil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew mingħajr ebda effett. Dan tista' tagħmlu meta l-għemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgħa ta' min wettqu (*ultra vires*). F'din l-aħħar ipoteżi, dan l-eċċess ta' setgħa jista' jirriżulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizżata twettqu, jew meta dik l-awtorita', għalkemm ikollha setgħa twettaq dak l-għamil, tkun naqset li tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtieġa proċedurali li tabilfors trid tħares qabel ma tasal għal dak l-għamil, jew jekk l-għamil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' dik l-awtorita' billi jsir għal xi għan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-għamil imur b'kull mod ieħor li jkun kontra l-liġi. Bil-kelma "għamil", il-liġi tifhem ukoll ċaħda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika;

"Illi din l-impostazzjoni tal-azzjoni tabilfors tnissel il-ħtieġa li l-Qorti tqis x'tip ta' stħarriġ għandha tagħmel skond il-liġi dwar l-għamil tal-Bank imħarrek. Tali eżerċizzju huwa wieħed li jmiss l-aspetti sostantivi tal-kawża preżenti. Illum il-ġurnata, l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv tinsab imfissra u delinejata espressament fis-sistema proċedurali tagħna u l-Qorti hija marbuta li timxi mal-parametri li l-liġi tipprovdi għal din l-għamla ta' stħarriġ, sakemm il-liġi nnifisha ma tipprovdix mod ieħor[6]. Waħda minn dawn il-limitazzjonijiet hija li l-ilment imressaq jew ir-rimedju mitlub ma jkunx jista' jinkiseb mod ieħor amministrattivament quddiem qorti jew tribunal ieħor

[6] Art. 469A(1) tal-Kap 12

kid provdut mil-liġi[7]. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ma ntweriex li l-kumpannija attriċi kellha rimedju ieħor proċedurali jew statutorju għall-ilment tagħha jekk mhux quddiem din il-Qorti u b'din l-għamla ta' azzjoni;

"Illi mit-tifsira ta' "awtorita' pubblika" mogħtija fl-artikolu 469A(2), joħroġ ċar li l-Bank imħarrek huwa awtorita' kif hekk imfissra, u dan ukoll għaliex huwa korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi li għandu funzjoni regolatriċi pubblika u amministrattiva. Dawn l-elementi ma ġew bl-ebda mod miċħuda mill-istess Bank u lanqas jidher li tqanqal xi dubju dwar jekk il-Bank huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni speċjali mibdija kontra tiegħu;

"Illi l-Bank imħarrek jgħid li d-deċiżjoni li ħa li jiċħad it-talbiet ripetuti tal-kumpannija attriċi li tieħu sehem jew benefiċċju mill-iskema tal-f.b.r. kienu msejsin kemm fuq raġunijiet marbuta ma' nuqqasijiet min-naħa tal-kumpannija attriċi fil-mod jew fil-ħin li ressqet l-applikazzjonijiet u kif ukoll għal raġunijiet imsejsa fuq każijiet ta' suspettat abbuż min-naħa tal-istess kumpannija attriċi. Fuq kollox, il-Bank qiegħed jinvoka s-setgħa li jeżerċita diskrezzjoni, mogħtija lilu kemm mil-liġi u kif ukoll mit-termini tal-iskemi nnifishom. Huwa jgħid li, minħabba li l-iskema tal-f.b.r. kienet taħdem fuq projezzjonijiet u li dawn il-projezzjonijiet jitwemmnu jew jintlaqgħu fuq bażi ta' fiduċja bejnu u l-aġent tal-ivvjaġġar, ladarba irriżultaw xi movimenti ta' valuta li dehru suspetti, dik il-fiduċja ntemmet u kien minħabba f'hekk li t-talbiet tal-kumpannija attriċi ġew miċħudin[8];

"Illi min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi tiċħad dan kollu, u tgħid li kontra tagħha qatt ma ttieħdu passi kriminali u li ċ-ċaħda ripetuta kienet waħda għal kollox diskriminatorja u bla ebda raġuni jew fondament. Fi kliem ieħor, il-kumpannija attriċi tibni l-każ tagħha fuq ix-xilja li l-Bank imħarrek eżerċita ħażin id-diskrezzjoni tiegħu. Biex issaħħaħ l-argument tagħha, il-kumpannija attriċi tislet l-

[7] Art 469A(4) tal-kap 12 u ara App.Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar***

[8] Xhieda ta' David Pulliċino 1.9.1997, f'paġġ. 82-3 tal-proċess

argument li, meta l-iskema kienet għal xi żmien imħaddma mill-N.T.O.M., t-talba tal-kumpannija attriċi ntlaqgħet;

"Illi meta wieħed jitkellem dwar diskrezzjoni, wieħed tabilfors ikun qiegħed jara sitwazzjoni fejn trid issir għażla bejn iżjed minn linja waħda ta' azzjoni. Jekk m'hemmx għażla ta' iżjed minn triq waħda, allura wieħed ma jitkellimx dwar diskrezzjoni imma dwar dmir. F'dan il-kuntest, il-Qorti tħoss li għandha tiċċita din is-silta li ġejja minn xogħol ewlieni f'dan il-qasam u li, fil-fehma tagħha, tfisser b'mod ċar il-perm kollu tal-istħarriġ li hija mitluba tagħmel f'din il-kawża. Ingħad illi "*To say that somebody has a discretion presupposes that there is no uniquely right answer to his problem. There may, however, be a number of answers that are wrong in law. The exercise of a discretion may be impugned directly or indirectly. The indirect method of challenge is the more common. A person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or 'ultra vires' because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the discretionary act to be invalid, and the fact that the true reason for insistuting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is not a valid objection to the proceedings. The crucial question, however, is: In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided.*"[9];

[9] DeSmith & Evans *Judicial Revue of Administrative Action,* 4a. Ediz. (1980) paġġ. 278-9

"Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita' li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita' tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[10]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorita' mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita' mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

"Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Dan l-aspett qiegħed jissemma għaliex il-kumpannija attriċi semmiet, fost l-ilmenti tagħha, l-irraġonevolezza tad-deċiżjoni tal-Bank imħarrek. Id-dmir li awtorita' taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi *bona fide*[11]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas m'huwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[12]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevli;

"Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalita' fl-għemil mistħarreġ,

[10] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe***
[11] Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695
[12] Ara, per eżempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682

iżjed milli dak li jaraw li l-awtorita' pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa;

"Illi fil-każ preżenti ntwera[13] li l-kumpannija attriċi applikat lill-Bank imħarrek għall-għoti ta' permess tal-f.b.r. mhux kull sena iżda fl-1987, fl-1989, fl-1990, fl-1994, fl-1995 u fl-1996;

"Iżda l-Bank imħarrek ressaq xhieda tajba biżżejjed li wriet li ma wettqet l-ebda diskriminazzjoni kontra l-kumpannija attriċi b'xi trattament differenti favur kumpaniji oħrajn li kienu qegħdin jibbenefikaw mill-f.b.r. Ingħatat raġuni plawsibbli[14] li fissret li l-Bank imħarrek qies il-każijiet tal-kumpanniji barranin li jibgħatu t-turisti mir-Renju Unit għal Malta fuq il-mertu tagħhom. Min-naħa l-oħra, dwar il-kumpannija attriċi, l-Bank imħarrek għamel aċċertamenti li, fid-dawl tad-dokumenti li kienu tressqu, kienu juru li kien hemm xi irregolaritajiet fit-tmexxija ta' xi flejjes tagħha li wassluha biex tqis li ma kienx il-każ li dik il-kumpannija tingħata l-benefiċċju tal-f.b.r. Sa dan l-istadju, il-Qorti hija soddisfatta li l-Bank imħarrek uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu b'mod raġonevoli. Dan jingħad bla ebda rifless dwar jekk id-deċiżjoni kinitx tajba fil-mertu jew jekk il-Qorti taqbilx ma' dik id-deċiżjoni;

"Illi peress li l-kumpannija attriċi bniet ukoll il-biċċa l-kbira tal-każ tagħha fuq akkuża li l-Bank imħarrek iddiskrimina kontra tagħha fir-rifjut tiegħu li jilqagħlha l-applikazzjonijiet tagħha, irid jingħad li mill-provi mressqa dan ma jirriżultax. Fl-ewwel lok, il-Bank imħarrek ressaq prova[15] tajba biżżejjed li turi li m'huwiex minnu li l-kumpannija attriċi ġiet trattata bmod differenti u agħar minn kumpanniji oħrajn fl-istess ilma tagħha. Fit-tieni lok, lanqas jista' jingħad li l-Bank imħarrek ċaħad permess lill-kumpannija attriċi li enti ieħor (l-N.T.O.M.) laqa' fi żmien divers, u dan għaliex l-iskema mfassal mill-Bank imħarrek u dak imfassal mill-N.T.O.M. ma ntweriex li kienu l-istess. Huwa magħruf u aċċettat li wieħed jista' jitkellem dwar diskriminazzjoni biss

---

[13] Xhieda ta' David Pulliċino 1.12.1997, f'paġ. 128 tal-proċess

[14] Xhieda Edmond Calleja 24.6.1999, 5.7.2001 u 25.3.2002, f'paġġ. 279B, 306 sa 310 u 367-8 tal-proċess

[15] Xhieda ta' Edmond Calleja 24.6.1999, u d-dokumenti f'paġġ. 62 sa 89 fl-atti tal-kawża 463/90

meta lil persuna jingħata trattament differenti minn dak li jingħata lil persuni oħrajn fl-istess qagħda, u mhux biżżejjed li jintwera li dik il-persuna ġiet żvantaġġata bit-trattament mogħti[16];

"Illi ssemma'[17] wkoll li l-kumpannija attriċi ma għenet xejn lilha nnifisha fit-trattament mal-Bank imħarrek u dan għaliex ma kinitx tagħti tagħrif dokumentat kif mitlub mill-istess Bank. Din il-ħaġa wkoll għandha s-siwi tagħha fid-dawl tal-akkuża ta' trattament diskriminatorju li ssemmi l-kumpannija attriċi. Kien meħtieġ li l-kumpannija attriċi tipprova li l-permess biex hi tieħu sehem fl-iskema inżammilha minkejja li kienet wettqet kulam kien preskritt li jsir. Minn dan kollu ma ntwera xejn, u lanqas jidher li l-kumpannija attriċi meriet b'xi mod dik il-prova tal-Bank. Huwa minnu li, fl-aħħar waqtiet tal-kawża, l-attur *proprio* ressaq kopji ta' dokumenti li jagħtu ħjiel li l-flus investiti mill-kumpannija attriċi setgħu kellhom l-oriġini tagħhom fi flejjes depożitati barra minn Malta (u li, għalhekk, ma kellhom bżonn l-ebda permessi taħt il-liġi tal-kambju), imma naqas imbagħad li juri li dawk id-dokumenti kien ressaqhom ukoll lill-Bank imħarrek f'waqt xieraq matul il-konsiderazzjoni tal-applikazzjoni għall-għoti tal-permess;

"Illi tifdal il-kwestjoni jekk, madankollu, wara li l-attur inħeles minn kull akkuża ta' natura kriminali dwar ksur tal-liġi tal-kambju, il-Bank imħarrek kienx raġonevoli iżjed li jibqa' jqis li kienet għadha tippersisti sitwazzjoni li kienet tiġġustifikah ikompli jiċħad l-applikazzjoni. Jidher li t-tweġiba għal din il-mistoqsija tinsab billi jingħad li l-Bank imħarrek fisser[18] li r-raġuni li minħabba fiha huwa deherlu li għandu jiċħad it-talba lill-kumpannija attriċi ma kinitx daqstant il-fatt li kienu għaddejjin proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali kontra l-attur *proprio* daqs kemm kien il-fatt li, minn stħarriġ li kien sar minn wieħed mill-ogħla uffiċjali tiegħu, kien hemm sinjali li wrew lill-Bank li tassew sata' kien hemm irreglaritajiet imwettqa mill-kumpannija attriċi u

---

[16] Ara, per eżempju, Kost. **3.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono Grech vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.1**)
[17] Xhieda ta' David Pulliċino 1.9.1997, f'paġ. 103 tal-proċess
[18] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Bank f'paġ. 162 tal-Atti tal-Kawża 463/90

l-kumpannija Maltija tal-istess attur li jmorru kontra r-regolamenti tal-kambju[19];

"Illi f'dan il-waqt il-Qorti tħoss li għandha tagħmel osservazzjoni dwar ir-rwol tal-attur fi ħdan il-kumpannija attriċi. Meta xehed l-attur, fil-bidu tas-smigħ, huwa qal li għalkemm għall-ewwel kellu ishma fi ħdan il-kumpannija, mal-1986 willihom u lanqas żamm il-kariga ta' direttur. Qal li kien biss *handling agent* tagħha f'Malta. Madankollu, mill-provi mressqa mill-Bank imħarrek[20], jirriżulta li f'dik l-istess sena jiġifieri fl-1997 l-attur mhux biss kien direttur tagħha imma wkoll azzjonist. L-attur bl-ebda mod ma miera din il-prova u kien biss lejn fl-aħħar seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju[21] li ressaq dik li sejħilha kopja tal-Memorandum u l-Istatut tal-Assoċjazzjoni tal-istess kumpannija milli jidher biex jirribatti l-prova l-oħra. Il-Qorti, wara li fliet b'reqqa l-istess dokument, għandha dubji qawwija kemm imissha toqgħod fuqu. Minbarra li fih tagħrif għal kollox differenti minn dak muri fid-dokument uffiċjali mressaq mill-Bank imħarrek, dan id-dokument imressaq *in extremis* mill-attur jidher li huwa taħlita ta' iżjed minn dokument wieħed, jekk mhux ukoll dwar aktar minn kumpannija waħda. Minbarra dan, lanqas huwa awtentikat kif imiss, għajr għall-ewwel folja sfuża tiegħu;

"Illi dan il-konflitt bejn il-prova dokumentali mressqa mill-Bank imħarrek u x-xhieda tal-attur *nomine* dwar il-kumpannija li f'isimha qiegħed iressaq din il-kawża jdgħajjef mhux ftit il-kredibilita' tat-teżi attriċi. Dan ma jagħmel xejn ħlief isaħħaħ id l-argument tal-Bank imħarrek li kellu raġuni għaliex ma joqgħodx fuq id-dikjarazzjonijiet tal-attur dwar l-eliġibilita' tal-kumpannija tiegħu għall-benefiċċju tal-f.b.r. Kif ingħad, l-element ta' fiduċja fid-dikjarazzjonijiet magħmulin mill-applikanti taħt l-iskema kien essenzjali biex jikkonvinċi lill-Bank imħarrek jilqa' talba biex kumpannija tieħu sehem fl-iskema;

"Illi, minħabba f'dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti jkollha tasal għall-fehma li l-kumpannija attriċi ma seħħilhiex turi li

[19] Ara Dok "V2", f'paġ. 112 tal-proċess
[20] Ara Dok "V4" sa "V14", f'paġġ. 114 sa 124 tal-proċess
[21] Dok "JB2" 14.6.2002, f'paġġ. 376 sa 392 tal-proċess

l-Bank imħarrek mexa magħha b'mod mhux korrett jew abbużiv, jew b'mod nieqes mir-raġuni, u għalhekk ma tistax tilqa' t-talba tagħha f'dan ir-rigward;

"Illi minn dan isegwi li lanqas it-talbiet l-oħraja ma jistgħu jintlaqgħu minħabba li dawn jintrabtu mal-ewwel talba;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Lawrence Borg nomine;

Rat ir-risposta relattiva;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-kumpanija attrici qed titlob stharrig gudizzjarju ta' ghemil tal-Bank konvenut.  Il-kumpanija attrici kienet applikat biex tiehu beneficcju mis-sistema tal-"forward buying rate" dwar dawk il-persuni li hija tibghat ghal btala f'Malta bhala turisti.  L-ewwel applikazzjoni tal-kumpanija attrici, dik li kienet saret fl-1987, kienet giet milqugha, izda l-Bank konvenut kien cahad l-applikazzjonijiet sussegwenti li kienu saru u allega li kellu ragunijiet serji u tajbin biex seta' hekk jagixxi.  Il-Bank qieghed jinvoka s-setgha li jezercita diskrezzjoni, moghtija lilu kemm mil-ligi u kif ukoll mit-termini nnifishom ta' l-iskemi ("Special Guaranteed Pound Sterling Rate Scheme").  Huwa jghid li minhabba li l-iskema tal-"forward buying rate" kienet tahdem fuq projezzjonijiet, u li dawn il-projezzjonijiet jigu analizzati u kkunsidrati fuq bazi ta' fiducja bejnu u l-agent ta' l-ivjaggar, ladarba rrizultaw xi movimenti ta' valuta li dehru suspetti, dik il-fiducja ntemmet, u kien minhabba f'hekk li d-diversi talbiet tal-kumpanija biex tippartecipa fl-iskema gew michuda.

Din il-Qorti tibda biex tafferma li, assoluta kemm hi assoluta diskrezzjoni moghtija lil xi awtorita` pubblika, il-Qrati taghna ghandhom dejjem u invariabilment gurisdizzjoni li jissindikaw l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni.  Kif qalet ricentement din il-Qorti (Sede

Inferjuri) fil-kawza **Zahra v. Malta Maritime Authority**, deciza fl-10 ta' Jannar 2007, setgha diskrezzjonali moghtija mil-ligi ma tistax titqies wahda assoluta, u dan ghar-raguni, kompliet tghid dik il-Qorti:
*"illi dik l-istess diskrezzjoni trid dejjem tigi ezercitata fil-limiti tal-ligi u f'dawk il-limiti li mill-gurisprudenza gew senjati ghall-ezercizzju tad-diskrezzjoni. Primarjament, li l-Awtorita` hi tenuta timxi mhux biss "rite" imma anke "recte"."*

Din il-Qorti, ghalhekk taqbel mar-riassunt li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-mod ta' kif il-Qrati taghna jissindikaw diskrezzjoni moghtija lil xi awtorita` pubblika, u, b'mod partikolari, taqbel ma' fejn osservat:
*"Illi kien ghalhekk li, mal-medda taz-zmien, issawru regoli li jharsu l-imsemmija setghat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istharrig taghhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija moghnija b'diskrezzjoni tista' tigi ordnata tezercitaha f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, imma ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jigi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jehtieg li lill-Qorti jirrizultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwistjoni li kellha quddiemha, u li dan ghamlitu minghajr l-indhil ta' l-ebda haddiehor jew bla ma poggiet lilha nnifisha f'qaghda fejn ma setghetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jigi accertat li l-awtorita` mistharrga m'ghamlitx dak li kienet espressament mizmuma milli taghmel, jew jekk ghamlitx xi haga li ma kenitx awtorizzata taghmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistharrga trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-kaz. Dawn huma, fil-qosor, il-gabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni u ta' eccess jew abbuz ta' dak l-ezercizzju."*

Din is-setgha gurisdizzjonali tal-Qrati ordinarji taghna – garantita mill-Kostituzzjoni – hija parti integrali mill-awtorita` ta' Qrati ta' pajjiz demokratiku kif inhu dak ta' Malta, u derivanti mill-kuncett ta' "rule of law" li fuqu hu bbazat l-istat Malti.

Ezaminati ir-ragunijiet li wasslu lill-Bank konvenut li jichad l-applikazzjonijiet li ghamlet is-socjeta` attrici, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, tara li, fil-fatt, gew sottomessi ragunijiet tajba bizzejjed li jindikaw li d-diskrezzjoni moghtija lilha giet ezercitata kemm “rite” kif ukoll “recte”. Hu veru li meta l-Bank konvenut talab il-konferma gudizzjali ta’ l-agir suspettuz tal-kumpanija attrici, u l-konsegwenzjali likwidazzjoni u hlas tad-danni (fil-kawza citazzjoni numru 463/1990), il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b’decizjoni tal-1 ta’ Marzu 2004, (mil-liema sentenza ma giex intavolat appell) kienet cahdet it-talba tal-Bank konvenut fuq il-bazi li ma tressqux provi sufficjenti biex jippruvaw, sal-grad mehtieg fil-kamp tal-procedimenti civili, il-premessi tat-talbiet tieghu, pero`, mill-provi prodotti jirrizulta li fil-mument li l-Bank konvenut kien qed jikkunsidra t-talbiet tal-kumpanija attrici, kellu f’idejh dokumenti li jqanqlu suspett dwar it-tmexxija ta’ xi flejjes taghha. Fid-dawl ta’ dan, id-decizjoni li ha l-Bank biex jichad l-applikazzjonijiet il-godda tal-kumpanija attrici ma tidhirx li kienet irragjonevoli jew barra minn lokha.

Il-kompitu tal-Qorti, f’kaz ta’ stharrig gudizzjarju, mhux dak li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta’ l-awtorita` pubblika, lanqas biex tiddeciedi jekk ir-ragunijiet li a bazi taghhom ezercitat id-diskrezzjoni taghha kellhomx mis-sewwa jew le, izda biex tara jekk a bazi ta’ l-informazzjoni li kellha l-awtorita` pubblika fil-mument li ezercitat id-diskrezzjoni taghha, setghetx jew le tasal ghad-decizjoni li hadet. Jekk id-decizjoni kienet wahda li l-awtorita` pubblika setghet ragjonevolment tasal ghaliha, allura dik id-decizjoni m’ghandhiex tithassar. Kif qal Lord Diplock fil-*House of Lords* fit-The Tameside Case (1977),
*“The very concept of administrative discretion involves a right to choose between more than one possible course of action upon which there is room for reasonable people to hold differing opinions as to which is to be preferred.”*

Minn ezami tal-provi prodotti, specjalment ix-xiehda ta’ David Pullicino, Deputy General Manager mal-Bank konvenut, jirrizulta li l-Bank konvenut ma hax id-decizjoni b’kapricc jew a bazi ta’ konsiderazzjonijiet irrilevanti ghal materja li kellu quddiemu, izda a bazi ta’ dokumenti u

sinjali ohra li kienu jindikaw li seta' sar uzu mill-flus fdati u mhallsa lill-kumpanija attrici minn diversi turisti mir-Renju Unit mhux ghall-iskop li nghata l-permess, izda biex tivvantaggja lilha nfisha bi ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-iskema. Dan jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Alfred Sapiano, allura Deputy General Manager tal-Bank Centrali ta' Malta. Dan gie mitlub jinvestiga u jhejji rapport dwar allegazzjoni ta' irregolaritajiet fil-hdim ta' l-iskema tal-"forward buying rate". Dan xehed fis-17 ta' Mejju 1991, fil-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet b'citazzjoni numru 463/90. Dan sab diversi rregolaritajiet u, in succinct, iddeskriva l-abbuz b'dan il-mod:
"F'dan il-kaz jirrizulta li Lawrence Borg bhala Direttur tas-socjeta` Cerviola Limited li tiggestixxi l-lukanda Cerviola f'Marsascala xtara llegalment flus Sterlina ghall-ammont ta' wiehed u disghin elf Lira Sterlina (£91,000) illi gew sussegwentement mibghuta lis-socjeta` Cerviola Holidays Limtied tar-Renju Unit. Din ir-rimessa saret f'diversi ammonti permezz ta' diversi persuni, turisti Inglizi li jkunu qed jirritornaw f'pajjizhom u jikkonsenjawhom lil certu Harry Cooke li kien wiehed mill-Amministraturi ta' Cerviola Holidays Limited fir-Renju Unit. Ghall-istess ammont il-lukanda Cerviola ffatturat lit-Tour Operator Cerviola Holidays Limited taht l-iskema hekk maghrufa "Sterling Guaranteed Rate". Ovvjament id-differenza fir-rati li bih hu xtara l-Isterlina u fir-rati li giet rimborsata lilu huma d-danni li qed nippretendu."

Wara dawn l-investigazzjonijiet, il-Bank Centrali talab spjegazzjoni minghand il-kumpanija attrici, izda ma jidhirx li din ipprovdiet lill-Bank bit-taghrif dokumentat kif mitlub mill-istess Bank. Kien biss fl-ahhar waqtiet ta' din il-kawza, li l-attur ressaq kopji ta' diversi dokumenti li, apparti li hafna minnhom mhux relatati mal-kaz, setghu jaghtu indikazzjoni lill-Bank dwar l-origini tal-flus depozitati barra minn Malta. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, mhux irragjonevoli ghall-Bank Centrali ta' Malta, sprovvist kif kien mid-dokumenti li kienu fil-pussess tas-socjeta` attrici, li ma jilqax l-applikazzjonijiet sussegwenti li kienu saru mis-socjeta` estera.

Kif spjega x-xhud David Pullicino, il-bazi ta’ l-iskema kienet ibbazata fuq fiducja, u meta l-Bank innota li “kien hemm cirkolazzjoni tal-flus li mhux suppost jidhlu taht il-“forward buying rate”,” hass li ma setax ikompli “jafda” lis-socjeta` attrici u jaccetta l-partecipazzjoni taghha fl-iskema. Il-fiducja tiddependi hafna fuq konsiderazzjonijiet soggettivi, u f’dan il-kaz din il-Qorti ma tarax li l-apprezzament tal-Bank konvenut kien barra minn loku.

Hu veru li mix-xiehda ta’ dan l-istess David Pullicino, irrizulta li kien hemm xi kumpaniji ohra li rrizulta li kienu abbuzaw bl-iskema, pero` l-ammonti kienu zghar u kien intlahaq ftehim maghhom ghar-refuzjoni tal-flus involuti. F’dan il-kaz il-Bank konvenut wera li ried jasal fi ftehim anke ma’ l-attur, u anke saru laqghat ghal dan l-iskop, pero`, dan ma ntlahaqx peress li l-attur kien qed jinsisti ghall-kumpens u kien nieda dawn il-proceduri fejn qed jinsisti ghall-hlas ta’ danni. Kif gie spjegat, altru titratta ma’ persuna li tkun suspettata li agixxiet irregolarment f’ammonti kbar ta’ flus u, minn fuq, tibqa’ tinsisti ghal danni, u altru titratta ma’ dik li mill-ewwel irrikonoxxiet l-“izbalji” taghha li kienu jinvolvu ammonti zghar ta’ flus, u li kienet disposta tirrifondi dak li setghet akkwistat irregolarment. Din il-Qorti tifhem li fit-tieni kaz, ghad-differenza tal-persuna involuta fl-ewwel kaz, dak li jkun jista’ jibqa’ jkollu “fiducja” fil-persuni involuti, u allura jibqa’ jitratta maghhom.

Mill-premess isegwi wkoll li l-Bank konvenut ma jistax jigi attakkat b’agir diskriminatorju, ghax biex ikun hemm diskriminazzjoni wiehed irid iqabbel “like with like”, u meta s-sitwazzjoni tal-kumpaniji involuti tkun differenti, wiehed ma jistax jissottometti li trattament differenti huwa diskriminatorju. Lanqas ma jista’ jinghad li l-Bank konvenut cahad permess lill-kumpanija attrici li agenzija ohra (l-Organizzazzjoni Maltija ghat-Turizmu) kienet laqghet, ghax l-iskemi involuti kienu differenti, kif kien ukoll differenti l-effett u l-iskop ta’ kull skema.

Is-socjeta` attrici lmentat ukoll li, f’kull kaz, il-Bank konvenut ma ddistingwiex bejn Lawrence Borg personalment u l-kumpanija estera li hu kien qed

jirrapprezenta. Hu veru li z-zewg “persuni” ghandhom personalita` guridika differenti, pero` l-irregolaritajiet lamentati kienu jolqtu l-aktar lill-kumpanija Maltija u Ingliza, u Lawrence Borg kien involut fiz-zewg kumpaniji. Fil-fatt, kif osservat l-ewwel Qorti, ghalkemm l-attur kien jallega li hu kien biss azzjonist fil-kumpanija estera, mid-dokumenti esebiti kien jirrizulta li hu, fil-fatt, kien mhux biss azzjonist, izda wkoll direttur tal-kumpanija estera. L-attur ipprova “jahbi” dan il-legam b’esebizzjoni ta’ dak li sejhilha kopja tal-Memorandum u l-Istatut ta’ L-Assocjazzjoni ta’ l-istess kumpanija, pero`, kif irrimarkat l-ewwel Qorti, hemm dubju dwar il-kompletezza u l-awtenticita` ta’ dan id-dokument. Kif ukoll osservat l-ewwel Qorti, “dan ma jaghmel xejn hlief isahhah id l-argument tal-Bank imharrek li kellu raguni ghaliex ma joqghodx fuq id-dikjarazzjonijiet ta’ l-attur dwar l-eligibilita` tal-kumpanija tieghu ghall-beneficcju tal-“forward buying rate””.

Ghall-bqija, din il-Qorti taqbel ma’ l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, u ma tarax li jezistu cirkostanzi li jistghu jwassluha tintrometti ruhha fid-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra l-appellant, u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------